MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1562/1997/1
Kawza Numru. 6

**David Crisp.**

**vs.**

**Korporazzjoni Telemalta u b'nota pprezentata fil-11 ta' Mejju 1998 assumiet l-atti tal-kawza s-socjeta` Maltacom p.l.c.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' Lulju 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn gie premess:-

Illi l-attur ilu wiehed u ghoxrin sena mpjegat mal-Korporazzjoni konvenuta u qabel kien ilu mpjegat tnejn u ghoxrin sena mal-*Cable and Wireless Ltd;*

Illi prezentement il-konvenut jahdem fil-*Customer Service Unit* bhala *Customer Service Assistant*;

Illi fis-17 ta’ Frar 1994 il-Korporazzjoni konvenuta harget cirkulari tal-*Management* numru 4/94 konsistenti f’sejha ghall-applikazzjonijiet ghal *Customer Services Officer* (ara dokument “C”) u l-attur applika ghaliha;

Illi l-attur qaghad ghall-*interview* ta’ l-ghazla fil-15 ta’ Settembru 1995 u *cioe*` sena u nofs wara li saret u ghalqet is-sejha fuq imsemmija (ara dokument “C2”);

Illi l-attur ma giex maghzul, mentri minn fost dawk maghzula kien hemm hafna li ma jippossjedux il-kwalifiki li ghandu l-attur pero` gew promossi u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors ta’ din il-kawza;

Illi qabel ma nkorra ghal dawn il-proceduri l-attur jottjeni r-rimedji kollha possibbli, b’uhud minnhom jaghtuh parti ragun, pero` l-pregudizzju li sofra u ghad irid isofri ma giex rettifikat;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-Korporazzjoni konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li skond il-kriterji u kwalifiki tac-cirkolari 4/95 fuq imsemmija biex jimtlew vakanzi fil-grad ta’ *Customer Services Officer*, l-attur kien jippossjedi l-kwalifiki kollha mehtiega biex jigi promoss ghal dan il-grad u li allura l-Bord ta’ l-Ghazla fil-kaz tieghu ghamel apprezzament hazin.

2. Tiddikjara l-konvenut hekk promoss mal-Korporazzjoni konvenuta u jigi hekk ikkunsidrat bhala promoss mid-data minn meta gew imhabbra r-rizultati b’konsegwenza tas-sejha fuq imsemmija fil-grad ta’ *Customer Services Officer*;

Bl-ispejjez u bil-Korporazzjoni konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4, 5 u 6 tal-process li huma mmarkati bhala Dok "C1" u Dok "C2".

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tal-14 ta' Mejju 1998.

Rat in-nota tas-socjeta` Maltacom p.l.c. datata 11 ta' Mejju 1998 (fol. 10) li biha assumiet l-atti tal-kawza fl-ismijiet fuq indikati bhala s-socjeta` Kummercjali li ssuccediet dik li kienet il-Korporazzjoni Telemalta.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Maltacom p.l.c. bhala successur tal-Korporazzjoni Telemalta datata 11 ta' Mejju 1998 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:

1. Fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* ta' l-**artikolu 469A (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.**

2. Illi *inoltre* din il-Qorti mhijiex kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici billi l-attur kellu rimedju provdut bil-ligi ghall-ilment tieghu.

3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, din il-Qorti mhijiex kompetenti tissindika atti li jsiru minn awtorita` pubblika bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni nterna fl-istess awtorita`.

4. Illi fil-meritu t-talbiet ta' l-attur huma nsostenibbli billi din il-Qorti ma tistax tintalab biex tissostitwixxi d-diskrizzjoni soggettiva taghha ghal dik tal-Bord ta' l-Ghazla fl-ezercizzju tal-promozzjonijiet.

5. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-meritu t-talbiet attrici mhumiex gustifikati billi d-decizjoni tal-Bord ta' l-Ghazla u tal-Korporazzjoni Telemalta kienu korretti u

gusti, u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-Maltacom p.l.c. bhala successur tal-Korporazzjoni Telemalta a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-14 ta’ Mejju 1998 fejn meta ssejhet il-kawza deher id-difensur tas-socjeta` konvenuta. *In vista* tan-nota pprezentata fil-11 ta’ Mejju 1998 il-Qorti ordnat illi fl-okkju tal-kawza wara l-kliem Korporazzjoni Telemalta jizdiedu l-kliem u “b’nota pprezentata fil-11 ta’ Mejju 1998 assumiet l-atti tal-kawza is-socjeta` Maltacom p.l.c.” Il-kawza giet differita ghall-provi attrici ghall-24 ta’ Frar 1999.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tal-24 ta’ Frar 1999; tat-22 ta’ Ottubru 1999; tal-1 ta’ Marzu 2000; u tal-10 ta’ Mejju 2000.

Rat in-nota ta’ David Crisp datata 20 ta’ Ottubru 1999 (fol. 20) li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess u li gie mmarkat Dok. “FG1”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-11 ta’ Ottubru 2000; u tat-23 ta’ Novembru 2000 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur u P.L. Noel Scerri ghas-socjeta` konvenuta assistit minn Dr. Pawlu Lia. Inghata digriet. Il-Qorti tat il-fakolta` lill-attur jipprezenta nota responsiva fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta’ dan il-verbal u halliet il-kawza sabiex id-difensuri jirregolaw ruhhom u *okkorrendo* ghall-finali trattazzjoni ghat-8 ta’ Frar 2001.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Maltacom p.l.c. (fol. 29) pprezentata *seduta stante* fis-seduta tat-23 ta’ Novembru 2000.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ David Crisp fuq l-ewwel eccezzjoni datata 9 ta’ Jannar 2001 kif tidher a fol. 47 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-8 ta’ Frar 2001 (fol. 50) fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assitit minn Dr. Toni Abela u Dr. Pawlu Lia ghas-socjeta` konvenuta. Id-difensuri trattaw l-ewwel eccezzjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghall-5 ta’ April 2001; u tal-5 ta’ April 2001 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Inghatat decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni. Il-kawza giet differita ghall-provi u trattazzjoni dwar it-tieni u t-tielet eccezzjoni ghas-6 ta’ Gunju 2001.

Rat id-decizjoni moghtija minn din il-Qorti hekk presjeduta fil-5 ta’ April 2001 dwar l-ewwel eccezzjoni, fejn il-Qorti giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-azzjoni attrici ma kenitx taqa’ taht id-disposizzjoni ta’ l-**artikolu 496 A tal-Kap 12** u dan peress li s-sejha sabiex jimtlew postijiet vakanti fic-cirkolari numru 4/1994 kienet tikkoncerna sejha ghall-applikazzjoni mill-impjegati ta’ l-istess socjeta’ konvenuta ma kenitx tammonta ghal dak li huwa ndikat bhala “eghmil amministrattiv” u dan ghaliex id-decizjoni li eventwalment inhadet mill-Bord tal-Ghazla kienet effettivament tikkonsisti f’misura “ghall-ghan ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni nterna fl-istess awtorita` u b’hekk id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 469 A tal-Kap 12** ma japplikawx ghall-kaz in ezami, wisq inqas it-terminu perentorju ta’ sitt xhur indikat fl-**artikolu 469 A ta’ l-istess Kap. 12** u dan bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni a karigu tas-socjeta` konvenuta dan kollox kif indikat fl-istess sentenza li tinsab a fol. 52 sa 62 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tas-6 ta’ Gunju 2001 fejn dehru Dr. Mario Caruana ghas-socjeta` konvenuta u Dr. Toni Abela ghall-attur. Xehed George Saliba prodott mill-attur. Dr. Abela esebixxa l-*collective agreement* li fuqu ghamel domandi lix-xhud. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-

provi u trattazzjoni dwar it-tieni u t-tielet eccezzjoni ghall-11 ta' Ottubru 2001; u tal-11 ta' Ottubru 2001 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-attur. Dr. Pawlu Lia talab li l-attur jindika l-bazi legali bid-dispozizzjoni tal-ligi li fuqha qed jibbaza l-azzjoni tieghu. Dr. Abela talab li Dr. Lia jiccara jekk hix xi eccezzjoni ulterjuri. Dr. Pawlu Lia rtira t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet inkwantu marbutin ma' l-ewwel eccezzjoni. Il-Qorti talbet lil Dr. Abela biex jindika l-artikolu tal-Ligi jekk jezisti li a bazi tieghu qed issir l-azzjoni fi zmien hmistax (15) minn dan il-verbal b'nota. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop, provi kollha u trattazzjoni ghat-22 ta' Novembru 2001; tat-22 ta' Novembru 2001; u tas-6 ta' Marzu 2002.

Rat in-nota ta' David Crisp ipprezentata fit-18 ta' Ottubru 2001 fejn indika li l-azzjoni minnu proposta kienet ibbazata fuq il-principji stabbiliti u generali tal-kuntratti. "Is-sejha ghall-promozzjoni kienet parti integrali mill-impjieg tieghu illi huwa kuntratt u bhala kuntratt ghandu jigi osservat f'kull parti tieghu. Il-fatt li haqqu promozzjoni u ma hadiex ghax sar apprezzament hazin, hija pregudizzjali ghad-drittijiet naxxenti mill-kuntratt ta' impjieg li ghandhu (ara **artikolu 992 u 993 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).** Illi finalment irid jinghad ukoll li kull persuna ghandha d-dritt tadixxi lil dawn il-Qrati biex jigi dikjarat id-dritt pretiz – f'dan il-kaz l-esponent kien jimmerita li jigi promoss" u dan kollox kif indikat a fol. 211 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-8 ta' Novembru 2002 u tat-8 ta' Jannar 2003 fejn dehru Dr. Toni Abela ghall-atturi prezenti fl-awla. Deher ukoll David Buttigieg rapprezentant tal-Maltacom p.l.c. Xehdu Miriam Abela Bartolo u Tony Lia, it-tnejn prodotta mill-attur. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Marzu 2003 ghall-provi atturi; tal-20 ta' Marzu 2003 fejn xehed David Buttigieg u li esebixxa tliet dokumenti mmarkati bhala Dok "DB1", "DB2" u "DB3"; tas-16 ta' Mejju 2003; tad-9 ta' Lulju 2003; tal-14 ta' Novembru 2003; tat-3 ta' Frar 2004; tat-2 ta' April 2004; tat-12 ta' Mejju 2004; tas-16 ta' Gunju 2004; tas-27 ta' Ottubru 2004; u tat-12 ta' Jannar 2005 fejn xehed David Crisp in kontro-ezami; tat-

23 ta' Frar 2005 fejn rega' xehed David Crisp; tad-19 ta' April 2005; tal-14 ta' Gunju 2005; u tal-31 ta' Ottubru 2005.

Rat in-nota ta' l-attur datata 3 ta' Frar 2004 li biha esebixxa l-affidavit tieghu (Dok "AFF1") stess kif jidher a fol. 261 tal-process.

Rat in-nota tas-socjeta` Maltacom plc datata 9 ta' Gunju 2004 a fol. 265 tal-process li biha esebiet l-affidavit ta' David Buttigieg *"Head Personnel"* tas-socjeta' konvenuta b'funzjonijiet konnessi mal-*"Personnel & Human Resources"* ta' l-istess socjeta' konvenuta mis-sena 1983, tali affidavit datat 26 ta' Mejju 2004.

Rat in-nota ta' l-attur datata 6 ta' Ottubru 2004 (fol. 270) li biha esebixxa l-affidavit iehor tieghu stess u li gie mmarkat Dok "AFF2".

Rat l-ordni ta' din il-Qorti tal-25 ta' Jannar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-istess Qorti kif illum presjeduta tad-9 ta' Marzu 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pawlu Lia ghas-socjeta` konvenuta u David Buttigieg ghall-istess. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex izzomm seduta wahda b'ordni tal-Qorti fil-mori tad-differiment ghall-kontro-ezami ta' David Buttigieg mill-attur, u ddikjarat li b'hekk il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-14 ta' Gunju 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Josette Demicoli tal-24 ta' Mejju 2006 fejn xehed in kontro-ezami David Buttigieg; u tal-5 ta' Gunju 2006 fejn Dr. Phyllis Farrugia pprezentat affidavit ulterjuri ta' David Buttigieg.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata 14 ta' Gunju 2006 a fol. 315 tal-process li permezz taghha pprezentat dikjarazzjoni guramentata ta' David Buttigieg ghas-socjeta` konvenuta fejn jinghad li biha nghatat l-informazzjoni mitluba mill-attur fis-seduta tal-5 ta' Gunju

2006 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Gunju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Charmaine Zammit ghall-attur. Deher David Buttigieg bhala rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Dr. Zammit informat lill-Qorti li l-affidavit ulterjuri ta’ David Buttigieg ratu u jista’ jidhol fil-process. David Buttigieg informa lill-Qorti li prezenta t-tielet affidavit tieghu fir-Registru tal-Qorti u ta kopja ta’ l-istess lil Dr. Charmaine Zammit *seduta stante*. Dr. Zammit iddikjarat li m’ghandhiex domandi x’taghmel dwar l-istess u l-provi gew b’hekk iddikjarati bhala maghluqa. Dr. Pawlu Lia ssejjah diversi drabi izda baqa’ ma deherx. Dr. Charmaine Zammit, ghall-attur talbet li tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu sa l-ahhar ta’ Awissu 2006 lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sa l-ahhar ta’ Ottubru 2006 biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tas-socjeta` konvenuta jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attur. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-21 ta’ Novembru 2006.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attur datata 25 ta’ Awissu 2006 a fol. 325 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 24 ta’ Ottubru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pawlu Lia ghas-socjeta` konvenuta. Deher l-attur mhux assisti. Dr. Toni Abela ssejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. L-attur iddikjara li illum huwa pensjonant, u ilu pensjonant ghall-ahhar disa’ snin. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-28 ta’ Frar 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li huwa kien impjegat mas-socjeta' konvenuta ghal numru kbir taz-zmien u fis-17 ta' Frar 1994 kienet harget cirkolari Numru 4/94 ghal sejha ta' applikazzjonijiet ghal *Customer Services Officer* skond kif indikat fid-Dok. "C" anness mac-citazzjoni attrici u ghal liema sejha kien applika, u wara li qaghad ghall-*interview* li sar fil-15 ta' Settembru 1995 huwa ma kienx maghzul, mentri jallega li gew maghzula persuni ohra li ma kellhomx il-kwalifiki li kellu huwa; ghalhekk talab li jigi ddikjarat li huwa kellu l-kwalifiki sabiex jimla' l-istess vakanza u b'hekk il-Bord ta' l-Ghazla ghamel apprezzament hazin bi pregudizzju ghall-istess u sabiex konsegwentement tiddikjara lill-konvenut promoss fl-istess posizzjoni hemm indikata fl-istess Cirkolari bhala *Customer Services Officer* u dan b'effett mid-data meta thabbru r-rizultati b'konsegwenza ta' l-istess imsemmija sejha.

Illi min-naha taghha l-istess socjeta' konvenuta sostniet li l-istess Qorti ma tistax tintalab legalment li tissostitwixxi d-diskrezzjoni soggettiva taghha ghal dik tal-Bord ta' l-Ghazla fl-ezercizzju tal-promozzjonijiet u wkoll li fi kwalunwe kaz l-istess decizjoni kienet gusta u korretta u b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti thoss li l-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna huma s-segwenti:-

Illi l-attur kien ilu jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta ghal fuq minn erbghin (40) sena u cioe' ghoxrin (20) sena mal-*Cable and Wireless* u tnejn u ghoxrin (22) sena mat-Telemalta/ Maltacom plc u dan fil-ferghat tal-Maltacom plc u ghal tlett snin hadem fil-*Maltacom Radio Land Station.*

Illi fis-snin 1984/1986 l-attur kellu l-grad ta' telegrafist (1). Huwa mar jahdem fil-*Coast Station* fuq frekwenza ta' radju u studja l-*morse code.* Huwa gie promoss ghal telegrafist (2) awtomatikament f'Ottubru 1988. Fl-1993 twaqqfet il-*Customer Service Unit* li giet iffurmata bejn it-Telemalta u l-*General Workers Union*. Fis-17 ta' Frar 1994 harget Cirkolari tal-*Management* Numru 4/94 (a fol.33 tal-process) fejn il-kumpanija harget sejha ghal postijiet fil-grad ta' *Customer Service Officers*. F'din is-sejha gie specifikat li l-applikanti ried ikollhom :-

a) "*Leadership Skills"* u kapaci li jidderiegu u jikkontrollaw haddiema taht is-supervizjoni taghhom.

b) Erba' suggetti 'O' Level rilevanti ghal grad ta' CSO u li jinkludu Malti w Ingliz.

Illi fl-istess cirkolari nghad li *"dawk l-impjegati fil-grad ta' Customer Services Assistant jew li ghandhom esperjenza f'dan ix-xoghol u jkunu ghalqu l-50 sena jistghu japplikaw sabiex jigu kkunsidrati".*

*"Tittiehed konsiderazzjoni ta' kull esperjenza fil-qasam tal-'Operations' tal-Korporazzjoni".*

*"Kandidati li huma proficjenti fi tlieta jew aktar lingwi barranin ikunu wkoll kunsidrati ghall-grad ta' C.S.O. u ghandhom 'leadership skills' kif mitlub aktar 'il fuq."*

Illi l-attur applika ghal dan il-grad flimkien ma' numru ta' persuni ohra u gie msejjah ghall-*interview* quddiem il-Bord li kien kompost minn Charles Zammit, Kap tal-*Customer Service Unit*, Miriam Abela mill-*Human Resources Office* u Tony Lia mill-*General Workers Union*.

Illi l-kriterja li adotta l-Bord jirrizultaw minn Annex 2 a fol. 34 tal-process fejn gew indikati marki ghal dawk li huma kwalifikazzjonijiet u esperjenza, ghas-snin ta' servizz ma' korporazzjoni u hekk imsejjha kriterji ta' *Leadership Skills* u *Motivation/Aptitude/Merit,* liema kriterji jinghad li kellhom jigu assessjati mill-Bord ta' l-Ghazla (*Selection Board*).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur innifsu xehed in kontro-ezami li ghalkemm huwa ma kellux il-kwalifiki ndikati, huwa kellu l-esperjenza u z-zmien ta’ servizz. Wara li l-attur qaghad ghall-*interview* li sar fil-15 ta’ Settembru 1995 irrizulta li wara l-istess l-attur ma ntghazilx ghal tali posizzjoni u dwar dan il-process ta’ ghazla kien sar rapport dettaljat mill-Bord ta’ l-Ghazla datat 11 ta’ Ottubru 1995. Huwa, flimkien ma’ persuni ohra ghalhekk appellaw minn tali decizjoni lill-*Board of Appeals (Promotions)* kollox skond dak li jipprovdi l-Ftehim Kollettiv, izda tali appell ta’ l-attur ukoll gie michud kif jirrizulta mill-komunikazzjoni maghmula mis-Segretarju ta’ l-istess Bord George Saliba lill-attur, liema notifikazzjoni ggib id-data tas-16 ta’ Lulju 1996 (a fol.45 tal-process). Il-Bord tratta l-appelli fil-15 ta’ Lulju 1996. Jirrizulta li fil-kaz ta’ l-attur l-istess Bord ta’ l-Appelli ma sab l-ebda gustifikazzjoni ghall-ilment ta’ l-attur.

Illi wara li l-appell tieghu ma ntlaqax, l-attur kif ukoll persuni ohra komplew bil-kaz taghhom quddiem l-Ombudsman li kkonkluda li fil-kaz ta’ l-attur ma kien hemm l-ebda irregolarita’ jew skorettezza f’dik li hija procedura kemm quddiem il-Bord ta’ l-Ghazla u wkoll tal-Bord ta’ l-Appelli; dwar il-mertu ghalkemm l-Ombudsman iddikjara li ma qabilx ghal kollox mal-kriterji uzati u t-tqassim ta’ punti bejn il-kriterji diversi, li anke kkummenta dwarhom l-Bord ta’ l-Appelli, izda tali osservazzjonijiet bl-ebda mod ma kienu jaghtu lok ghat-tibdil fir-rizultat fl-ezercizzju izda dan kollu wassal lill-istess Ombudsman ghall-konkluzjoni li ghalkemm hemm lok ghat-titjib fis-sistema adottata, anke ghall-fini ta’ trasparenza u korrettezza, pero’ ma sab l-ebda prova jew evidenza ta’ rregolarita’ jew diskriminazzjoni u ghaldaqshekk ghal dak li jirrigwarda lill-attur, l-ilment tieghu ma kienx milqugh lanqas hawn u dan kollox kif jidher mir-rapport ta’ l-istess Ombudsman datat 16 ta’ April 1997 esebit a fol.295 sa 297 tal-process bhala Dok. “C2”.

Illi kien wara dan kollu li ghalhekk l-attur pprezenta din il-kawza fejn qed jikkontesta d-decizjoni li ha l-Bord ta’ l-Ghazla mwaqqaf mis-socjeta’ konvenuta fejn qed jallega li

huwa kellu l-kwalifiki necessarji skond ic-Cirkolari 4/94 sabiex jimtlew il-vaganzi fil-grad ta' *Customer Service Officer* u li ssodisfa l-kriterji ta' l-istess cirkolari u b'hekk qed jitlob li jigi promoss ghall-istess kariga u kwindi d-decizjoni tal-Bord ta' l-Ghazla tigi annullata. Minn dakinhar jirrizulta bhala fatt li l-attur rtira bil-pensjoni fl-1999.

Illi tul il-kors tal-kawza jidher li l-attur kien qed jibbaza l-pretensjonijiet tieghu fuq l-allegazzjoni li skond huwa t-tlett persuni mahtura fil-Bord ta' l-Ghazla ma kellhomx ideja tax-xoghol li huwa kien jaghmel fil-qasam tar-radju u tat-telegrafija. Jallega li meta huwa mar ghall-*interview* kull ma gie mistoqsi kienu l-I.D. *Card Number*; l-*index number* tax-xoghol; min kien jifforma l-*customer service unit*; jekk kellux kwalifiki u kemm kien ilu mpjegat mal-kumpanija. L-attur jallega li l-Bord ta' l-Ghazla bl-ebda mod ma vvaluta l-esperjenza li huwa kellu fil-qasam tax-xoghol tieghu b'hekk jikkonkludi li skond huwa mieghu kien hemm biss *interview* artificjali minghajr indagni approfondita dwar jekk huwa bhala persuna kienx adattat ghal tali posizzjoni. Huwa allega wkoll li kien hemm ammont ta' applikanti li gew promossi meta dawn kellhom anqas esperjenza minnu mal-kumpanija filwaqt li huwa ma nghatax il-promozzjoni.

Illi mill-atti processwali rrizulta li l-marki li nghataw lill-attur kienu s-segwenti :-

Kwalifiki – 0 minn 25 punt;
Esperjenza – 24 minn 30 punt;
Servizz – 15 minn 15-il punt;
*Leadership skills* – 1 minn 15-il punt;
Motivazzjoni – 3 minn 15-il punt;

Illi huwa sostna li ma jistax jifhem kif mis-semplici mistoqsijiet li sarulu seta' gie assessjat fuq *leadership skills* u motivazzjoni b'dak il-mod meta huwa kien jaghmel xoghol ta' grad izjed gholi milli kellu. Huwa semma' wkoll li meta harget applikazzjoni ohra ghall-istess grad ta' *Customer Service Officer* fl-1998 rega' ma giex promoss. Huwa semma' wkoll il-kummenti li saru mill-Bord ta' l-Appell kif ukoll mill-Ombudsman.

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti ma jirrizultax li saret xi forma ta’ rregolarita’ mill-Bord imsemmi fil-konfront ta’ l-attur, b’dan li din il-Qorti a bazi ta’ l-atti processwali qed tikkonkludi li l-attur ma rnexxilux jipprova l-allegazzjoni tieghu. Intant irrizzulta mic-cirkolari li nharget li kien hemm certu kriterji li kienu necessarji sabiex l-applikant ikun eligibbli biex jinhatar ghall-grad ta’ *Customer Service Officer*. Il-Bord ta’ l-Ghazla jirrizulta li kellu jimxi fuq certu kriterji whud minnhom oggettivi sabiex taw il-marki lill-applikanti u dawn, kif inghad kienu jikkonsistu fis-segwenti:-

1) Certifikati akkademici – l-applikanti nghataw 4 marki ghal kull certifikat fil-livell ‘O’ level fil-lingwi u 2 marki ghal kull certifikat addizzjonali. Certifikati fil-livell ta’ ‘A’ level inghataw marki doppji. *Customer Service Assistants* u impjegati ohra fil-*Customer Service Unit* li kellhom 50 sena jew aktar u impjegati ohra u pprezentaw certifikati minn bord rikonoxxut kienu moghtija l-istess marki bhac-certifikati fil-livell ta’ ‘O’ *level* (massimu ta’ 25 marka).

2) Esperjenza lavorattiva – nghataw 2 marki ghal kull sena servizz fit-*telephony/telegraphy* (massimu ta’ 30 marka) u marka ghal kull sena mal-korporazzjoni (massimu ta’ 15-il marka).

3) *Leadership skills* – massimu ta’ 15-il marka fid-diskrezzjoni tal-Bord.

4) *Motivation/Aptitude/Merit* – massimu ta’ 15-il marka fid-diskrezzjoni tal-Bord.

Illi rrizulta minn fol.35 tal-process li l-attur gab b’kollox 43 marka. Ghall-kwalifiki akkademici ma nghata ebda marka ghax m’ghandux u dan ma jidhirx li gie kontestat minnu; gie moghti 24 marka ghall-esperjenza lavorattiva tieghu u l-massimu ta’ 15-il marka ghas-snin ta’ servizz mal-kumpanija. Inghata marka wahda ghal *leadership* u 3 marki ghall-motivazzjoni u dawn kienu bbazati, skond kif jinghad fl-istess lista ta’ kriterji fuq id-diskrezzjoni ta’ l-istess Bord ta’ l-Ghazla. F’dan il-kuntest, minkejja l-

allegazzjoni ta’ l-attur, u apparti il-punt ta’ diskrezzjoni ta’ l-istess Bord ta’ l-Ghazla, mill-atti kollha processwali, din il-Qorti thoss li huwa ma pprova bl-ebda mod ghaliex kellu jinghata aktar marki ghal-*leadership* u ghall-motivazzjoni. Infatti l-aktar li huwa semma’ kienet l-esperjenza tieghu partikolarment ghaz-zmien meta kien fil-*Coast Station*.

Illi dwar allegazzjonijiet ohra vantati mill-attur, anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument biss jigu kkunsidarti li ghandhom xi bazi legali, jinghad li fil-fatt l-attur ma ressaq l-ebda prova li effettivament il-persuni li kienu membri tal-Bord tal-Ghazla ma kienux b’xi mod kapaci biex jevalwaw l-applikanti. Fil-fatt jidher li l-istess membri kienu jikkonsistu fis-Sinjuri Charles Zammit, kap tal-*Customer Service Unit*, Miriam Abela mill-*Human Resources Office* u Tony Lia mill-*General Workers Union*, u b’hekk persuni li kienu gejjin kemm min-naha tal-kumpanija bhala *employer* u minn Union li tirraprezenta lill-haddiema, u wkoll jidher li tali persuni kienu gew maghzula kemm ghall-konnessjoni li huma kellhom ghal dak li huma relazzjonijiet mal-haddiema, u wkoll mal-*unit* li ghalih saret l-applikazzjoni, tant li fosthom kien hemm is-Sur Charles Zammit, li l-persuni maghzula kienu ser jahdmu mieghu, u dan kif jirrizulta mix-xhieda ta’ David Buttigieg, inkluza dik moghtija fis-seduta ta’ l-24 ta’ Mejju 2006 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli. Fil-fatt din il-Qorti ma thossx li ngabet xi prova li tattakka l-kapacita’ jew il-kredibbilta’ ta’ l-istess Bord ta’ l-Ghazla u lanqas ingabet xi prova li tindika li l-istess Bord ta’ l-Ghazla mexa b’xi mod irregolari ma’ l-istess attur.

Illi l-attur ghamel ukoll allegazzjoni fis-sens li kien hemm skond huwa diversi persuni ohra li ma kienx haqqhom li jigu promossi. Jidher li din tista’ titqies bhala opinjoni tieghu, izda certament ma jistax jinghad li b’xi mod din giet ippruvata anke jekk din tittiehed fil-kuntest ta’ xi lment dwar diskriminazzjoni – fil-fatt din il-Qorti thoss li fil-fatt ma kien hemm ebda element ta’ diskriminazzjoni tant li din il-Qorti thoss li bhala tali dan lanqas gie vantat mill-istess attur; fuq dan il-punt lanqas biss l-Ombudsman ma sab ebda tracci ta’ fondatezza dwar l-istess u jidher li dan il-kaz ma kien hemm xejn li jista’ jinghad li huwa

diskriminatorju fil-konfront ta' l-attur, ghalkemm ovvjament din il-Qorti tifhem li l-attur ma jaqbilx mal-konkluzjonjiet raggunti fir-rizultati ottenuti fil-konfront tieghu – pero' dan certament ma jwassalx sabiex jinghad li l-attur ghandu ragun jew gie mcahhad minn xi dritt bhala mpjegat; anzi jirrizulta li l-istess socjeta' attrici mxiet konformament mal-ftehim kollettiv.

Illi l-attur jaghmel r-referenza wkoll ghall-applikazzjoni li harget ghall-istess grad li kienet harget f'Settembru 1998, izda din il-Qorti thoss li din m'ghandha l-ebda relevanza ghall-kaz odjern kif imposta mill-attur innifsu *stante* li t-talbiet huma bbazati fuq cirkolari ohra u ghalhekk is-sejha ghall-applikazzjoni ta' Settembru u l-proceduri adottati fl-1998 ma tifformax parti mill-mertu tal-vertenza odjerna. Jigi rilevat pero' li dan apparti jirrizulta mill-provi prodotti li l-istess attur ma applikax ghal din is-sejha; u meta l-attur ghamel l-allegazzjonijiet li xi persuni li huwa ddentifika li allegatament kellhom esperjenza anqas minnu, u gew promossi bhala *Customer Services Officer* - jirrizulta li dawn gew hekk promossi wara li kienu applikaw ghal *"call for applications li kienet kompletament differenti minn dik li tirrigwarda l-kawza odjerna"* tant li din appuntu tirreferi ghas-sejha mahruga fil-11 ta' Settembru 1998 (Cirkolari 67/98) li ma humiex il-mertu tal-kawza odjerna (*vide* affidavit ulterjuri ta' David Buttigieg u kontro-ezami ta' l-istess fl-24 ta' Mejju 2006).

Illi huwa minnu l-Bord ta' l-Appelli (Promozzjonijiet) ikkummenta fuq certu procedura adottata, pero' xorta wahda ma sabx li kien hemm xi ksur tal-principji ta' gustizzja naturali. Infatti l-kumment ta' l-ahhar kien li dawn kienu biss *"comments as they may be of some use to the Board and Management of the Corporation in the setting of criteria for future calls for applications".*

Illi l-istess jinghad ghall-Ombudsman li kkummenta:-

*"Kull meta jsir ezercizzju ghall-promozzjoni min ma jiksibx ir-rizultat li jkun ippretenda jhoss li mieghu saret ingustizzja. Ghalhekk hemm il-htiega ta' aktar trasparenza biex ma jkunx hemm ragunijiet validi ghal suspetti. F'dan*

*il-kaz, per ezempju l-intervisti saru aktar minn sena u nofs wara s-sejha ghall-applikazzjonijiet. Il-kwalifiki msemmija fic-cirkulari biex wiehed japplika kienu konfuzi. Kif irrimarka l-Bord ta' l-Appelli, il-kriterji ta' l-ghazla u t-tqassim tal-punti seta' ta lok biex ma jinghazlux il-kandidati li huma l-aktar addattati. Kien ikun aktar xieraq li meta xxandar ir-rizultat ta' l-intervista l-marka globali miksuba kienet maqsuma skond il-kriterji adottati. Sakemm ma jkun fih xejn kunfidenzjali kopja tar-rapport tal-Bord ta' l-Appelli, jew il-partijiet rilevanti, ghandhom jinghataw lil min jappella."*

Izda fl-ahhar mill-ahhar huwa kkonkluda b'dan il-mod :-

*"Fuq bazi tal-fatt migbura jiena ta' l-opinjoni li l-proceduri segwiti f'dan l-ezercizzju, minkejja li kien hemm lok ghal titjib kif imsemmi aktar 'l fuq kienu korretti. Dwar il-merti tal-kandidati mhix il-kompetenza tieghi li nghaddi gudizzju sakemm ma hemmx evidenza ta' rregolarita' jew diskriminazzjoni li f'dan il-kaz ma rrizultax."*

Illi dan huma fil-fatt kummenti li fl-ahhar mill-ahhar jikkonfermaw il-principji li saret riferenza ghalihom fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Edward Falzon vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (AJM) Cit. Nru: 2459/99/AJM – 22 ta' Ottubru 2002) fejn il-Qorti qalet :-

*"Id-diskrezzjoni uzata mill-konvenut fir-rigward ta' l-attur mhux sindakabbli minn din il-Qorti billi fl-ewwel lok ma tinkwadrax fid-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi att amministrattiv li huwa sindakabbli a termini ta' l-artikolu 469A. Fit-tieni lok id-dritt tal-konvenut li jghati jew ma jghatix promozzjoni f'cirkostanzi partikolari jammonta ghall-att maghmul bil-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni nterna u l-ezercizzju ta' dan id-dritt ghad-decizjoni tieghu, ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-fatturi relevanti fl-interess tas-servizz pubbliku u tan-nazzjon in generali."*

Illi fil-kuntest tal-kawza odjerna dan ifisser li la darba l-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-Bord ta' l-Ghazla fil-kaz tieghu ghamel apprezzament hazin u

b'hekk tiddikjara li minhabba dan il-konvenut ghandu jitqies bhala promos, dan li effettivament l-attur qed jippretendi huwa li din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord ta' l-Ghazla, haga li ma hijiex rikonoxxuta mill-ligi, u li allura l-attur ma ghandu ebda dritt li jitlob; fil-fatt l-ezami li ghanda u tista' taghmel din il-Qorti huwa biss li tara li l-procedura mill-istess Bord kienet segwieta, u li gew segwieti l-principji tal-gustizzja naturali, minghajr ebda ksur tad-drittijiet fundamentali u li ma saret ebda diskriminazzjoni fil-konfront ta' l-attur f'dan il-kaz, izda certament mhux tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-istess Bord **"Joseph Farrugia vs Emanuel Cilia Debono"** (P.A. 10 ta' Gunju 1987).

Illi fil-fatt diskrezzjoni tista' tkun sindakabbli biss fejn jigi ppruvat li din giet ezercitata b'mod abbuziv, illegali u in eccess tal-poteri konferiti lil organu partikolari skond il-ligi (**"Bartolomeo Caruana vs Paolo Buffa nomine"** – Appell 23 ta' Jannar 1998 – LXXXII.ii.19) u hawn hija relevanti ghal din il-vertenza dak li nghad fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **"Marthese Azzopardi vs Maltacom plc"** tal-11 ta' Awissu 2000 fis-sens li mpjegata seta' *"kellha forsi d-dritt li tistenna li tinghata promozzjoni ……fl-ahhar mill-ahhar diskrezzjoni ta' min ihaddem jekk il-promozzjoni tinghatax jew le jew kienx hemm cirkostanzi li kienu jimmilitaw negattivament kontra taghha fl-ghoti ta' dik il-promozzjoni… F'dawn ic-cirkostanzi r-rikorrenti setghet tikkontesta l-ezercizzju diskrezzjonali ta' min ihaddimha jekk tallega u tipprova illi dan agixxa b'mod skorrett, abbuziv u llegali".* Dan certament li f'dan il-kaz ma kienx ippruvat lanqas minimament.

Illi inoltre' fil-kawza fl-ismijiet **"Carmel Cassar et vs Ministru ghall-Izvilupp ta' l-Infrastruttura et"** (P.A. (JSP) – 27 ta' Novembru 1992) inghad :-

*"…,il-Qorti ma ghandha l-ebda dritt li tillimita l-operat tal-konvenuti jew li tissindika l-ezercizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva li ndubbjament ghandhom, sakemm tali diskrezzjoni tkun ezercitata strettament entro it-termini tal-legislazzjoni li bis-sahha taghhom tkun qed tigi operata."*

Illi ma hemm l-ebda dubju li tali diskrezzjoni fl-ghazla timplika li min jezercitaha ma hux marbut ma elementi oggettivi ghall-formazzjoni tal-gudizzju tieghu, anzi huwa fdat ghall-prudenza soggettiva tieghu, haga li naturalment timplika *margin* ta' gudizzju li ma jistax u ma ghandux jigi mkejjel minhabba l-element soggettiv ta' dak li ghandu l-poter diskrezzjonali (**"Dr. Austin Sammut nomine vs Kontrolur tad-Dwana"** – Appell 30 ta' Novembru 1993 – Vol. LXXVIII.iii. 376).

Illi f'dan il-kaz kif inghad ma kien hemm ebda ksur tal-principji ta' gustizzja naturali u ma saret ebda allegazzjoni u wisq inqas prova ta' diskriminazzjoni jew ta' xi abbuz ta' poter, jew illegalita' mill-istess Bord, tant li l-attur inghata u ha l-opportunita' wkoll li jappella mill-istess decizjoni tal-Bord ta' l-Ghazla lil Bord ta' l-Appelli (Promozzjonijiet) u anke irrikorra ghar-rimedju iehor li l-kaz tieghu gie mistharreg mill-Ombudsman, proceduri li kollha kkonfermaw, kif *di piu`* din il-Qorti qed tikkonferma, li ma kien hemm ebda ksur tal-principji fuq esposti fil-procedura addottata fil-konfront ta' l-attur fl-iprocessar tal-applikazzjoni tieghu. B'hekk kull dritt li setgha kellu l-attur kien rispettat – izda tali dritt qatt ma setgha jwassal li jitlob li tali promozzjoni tinghata lilu bi dritt.

Illi jinghad ukoll li l-ilmenti li l-attur ressaq fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu lanqas jistghu jwasslu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici – proprju minhabba dawn il-principji hawn enuncjati u ghaliex dak li l-attur qed jitlob huwa biss li din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord ta' l-Ghazla, haga li hija barra mill-kompetenza taghha; fuq kollox l-istess attur naqas milli almenu jindika xi dritt gie miksur anke fil-*veste* tieghu ta' mpjegat u fil-fatt ma hemmx lanqas accenn li xi dritt tieghu taht il-Ftehim Kollettiv gie b'xi mod lez. Anzi jirrizulta li kollox sar regolarment u skond il-ligi u dan huwa iktar sinifikanti meta l-attur jghid li bbaza l-azzjoni tieghu fuq l-**artikolu 992 u 993 tal-Kap 16** (nota tieghu datata 18 ta' Ottubru 2001 – fol. 211) meta tul il-proceduri kollha ma hemm l-ebda accenn ghall-liema provedementi tal-ftehim, jew ta' xi ftehim, gew b'xi mod lezi mis-socjeta' konvenuta;

fil-fatt ma hemm ebda prova ta’ dan u lanqas ebda prova li xi ftehim li s-socjeta’ konvenuta kellha ma’ l-attur fir-relazzjoni taghhom ta’ *employer* u mpjegat gie b’xi mod mhux esegwiet jew ma giex esegwiet *in buona fede*. Anzi l-provi kollha juru li kollox sar regolament, skond il-ligi u *in buona fede*.

Illi *in vista* ta’ dan kollu mhux lanqas li mill-provi prodotti ma jirrizultax li saru xi rregolaritajiet fil-proceduri adottati din il-Qorti mhiex se tissindika d-diskrezzjoni li wzat is-socjeta’ konvenuta u minhabba dak premess din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici ma gewx ippruvati u lanqas ghandhom fundament legali u konsegwentement it-talbiet attrici qed jigu michuda ghar-ragunijiet premessi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li taghmel riferenza ghad-decizjoni preliminari tal-5 ta’ April 2001 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta *stante* li l-istess zewg eccezzjonijiet gew irtirati fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2001 (fol. 29), izda tilqa’ ir-raba’ u l-hames eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u tichad it-talbiet attrici peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-attur hlief tad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-5 ta’ April 2001 li kienu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------